MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 365/2006/1 LM

**Maltacom plc u b'digriet tat-28 ta' Jannar, 2008 il-Qorti awtorizzat li l-isem tas-soċjetà rikorrenti jiġi mibdul għal "GO p.l.c."**
*(l-appellata)*

***vs.***

**Schembri Infrastructures Limited**
**ġia General Road Servicing Limited (C 17388)**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Schembri Infrastructures Limited (C 17388)**, hawnhekk "l-appellanta", wara deċiżjoni

tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti"), mogħtija fit-30 ta' Ottubru, 2019, (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata") li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi:

> *"(1) Tiċħad l-unika eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta;*
>
> *(2) Konsegwentement, tilqa' limitatament it-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmint elef, tmien mija u tliet euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€8,803.28) ekwivalenti għas-somma ta' tlett elef, seba' mija u disgħa u sebgħin Lira Maltija u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (LM3,779.25), bl-imgħax li jibda jiddekorri mill-25 ta' Novembru, 2005, id-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali.*
>
> *L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Novembru 2005 bin-numru ta' referenza 10352/05, għandhom jiġu subiti mis-soċjetà konvenuta."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tal-azzjoni istitwita quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), is-soċjetà rikorrenti talbet lill-Qorti tiddikjara li s-soċjetà intimata għandha tħallasha l-ammont ta' tlett elef, seba' mija u sebgħa u tmenin Lira Maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (LM3,787.25) għal ħsarat ikkawżati f'tagħmir tas-soċjetà rikorrenti waqt li kienu qegħdin isiru xogħlijiet fir-*ring road* tal-Università minn ħaddiema tas-soċjetà intimata. L-interpellazzjoni oriġinali kienet saret minn Maltacom plc, u r-risposta tas-soċjetà intimata għat-talba tar-rikorrenti kienet li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li dak allegat mir-rikorrenti mhuwiex minnu.

**Mertu**

3. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) semgħet diversi xhieda jagħtu l-verżjoni tagħhom dwar il-mod kif seħħ l-akkadut, fosthom lil **Joseph Cilia,** *technical executive* mas-soċjetà rikorrenti li qal li meta l-klijenti tas-soċjetà rikorrenti bdew jirrappurtaw ħsarat fis-sistema telefonika tagħhom, kienet saret indaġni sabiex jiġi stabbilit minn fejn kienet oriġinat il-ħsara. Ix-xhud spjega li f'dan il-każ huwa kien stabbilixxa li l-ħsara kienet ġejja mir-*ring road* tal-Università, fejn kien qiegħed isir xogħol ta' skavar ta' trinek minn ħaddiema tas-soċjetà intimata. Ix-xhud spjega li meta huwa aċċeda fuq is-sit, kien sab li ħaddiema tas-soċjetà intimata kienu qegħdin jaħdmu fuq *inspection chamber* li viċin tiegħu kien hemm pajpijiet tas-soċjetà rikorrenti, liema pajpijiet ġew issegati. Ix-xhud qal li dawn il-pajpijiet kellhom jinbidlu kollha sabiex il-ħsara ġiet imsewwija.

**Edward Schembri**, direttur tas-soċjetà intimata, spjega li t-trinka kienet qiegħda titħaffer għall-Isptar Mater Dei, u kienet qiegħda ssir fuq in-naħa tal-lemin tat-triq. Dan ix-xhud spjega li l-*manhole* tas-soċjetà rikorrenti kienet fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, u għalhekk esprima dubju dwar kemm il-ħsarat sofferti mir-rikorrenti kienu kkaġunati mix-xogħlijiet li kienet qiegħda tagħmel s-soċjetà intimata fl-inħawi. Ix-xhud spjega li l-ħaddiema tal-Maltacom kienu marru fuq il-post u staqsewh jekk waqt ix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru mill-ħaddiema tas-soċjetà intimata kienx intlaqat xi *cable.* Ix-xhud spjega li dan ġara meta t-trinka inkwistjoni kienet għadha miftuħa, u huwa seta' juri lir-

rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti li ma kien hemm l-ebda *cable* milqut. Dan ix-xhud qal li meta waqt ix-xogħlijiet jintlaqtu l-*cables* b'gaffa, dawn is-soltu jinqasmu u mhux jingirfu.

Jirriżulta mill-provi li s-soċjetà intimata kienet ġiet inkarigata sabiex tagħmel xogħol infrastrutturali relatat mas-servizzi tad-drenaġġ li kellhom iservu l-Isptar Mater Dei, u mir-rapporti li saru qabel seta' jinbeda x-xogħol, is-soċjetà rikorrenti kienet indikat il-preżenza ta' infrastruttura sotteranja fis-sit fejn is-soċjetà intimata kellha tagħmel ix-xogħlijiet tagħha. Il-każ inkwistjoni seħħ f'Awwissu tal-2004, u s-soċjetà rikorrenti kienet ikkonstatat li kienet sofriet danni fis-sistema infrastrutturali tagħha wara li kienu saru ilmenti minn diversi klijenti tagħha li s-servizz telefoniku tagħhom kien inqata'. Is-soċjetà rikorrenti spjegat ukoll li minkejja li x-xogħol ta' tħaffir meħtieġ fuq is-sit inkwistjoni kellu jsir b'għodda tal-idejn, mill-provi jirriżulta li x-xogħol sar bl-użu ta' *trencher* jew gaffa.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru, 2019, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-unika eċċezzjoni tas-soċjetà intimata għandha tiġi miċħuda, filwaqt li laqgħet it-talba tas-soċjetà attriċi limitatament għas-somma ta' tmint elef, tmien mija u tliet Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€8,803.28), bl-imgħax li jibda jiddekorri mid-data tal-25 ta' Novembru, 2005, li hija d-data

tan-notifika tal-ittra uffiċjali, u dan wara li l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Din il-kawża hija dwar danni li seħħew fuq* cable *appartenenti lis-soċjetà attriċi. Is-soċjetà attriċi tattribwixxi responsabbilità għal din il-ħsara minnha sofferta fuq is-soċjetà konvenuta li da parti tagħha qed tiċħad kull responsabbilità, billi ssostni li din il-ħsara ma ġratx bi ħtija tagħha.*
>
> *Joseph Cilia,* technical executive *mas-soċjetà attriċi xehed illi meta mar fuq il-post flimkien mat-*technicians *sabu li kien sar xogħol ta' skavar ta' trinka viċin ħafna tad-*duct route *minn fejn ikunu għaddejjin il-*cables *tas-soċjetà attriċi. Spjega li l-*cables *ikunu għaddejjin minn ġo pajpijiet tal-plastik li jkunu inseriti fil-konkos u li dawn il-pajpijiet kienu ġew issegati. Qal li fuq il-post kienu sabu illi kienet saret* inspection chamber *viċin ħafna ta' dawn il-pajpijiet. Spjega li l-ħaddiem li kien hemm fuq il-post ma riedx jaċċetta r-responsabbilità ta' dawn il-ħsarat, u għalhekk il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi kienu ġibdu l-*cable *u minn kalkoli li għamlu rriżulta li dan kien intlaqat fejn kien hemm din l-*inspection chamber. *Spjega ukoll li din il-proċedura saret fil-preżenza ta' rappreżentant tas-soċjetà konvenuta. Sabiex tiġi msewwija din il-ħsara, il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi kienu bidlu t-tul kollu ta' dan il-*cable *minn* manhole *sa oħra u t-truf ġew magħquda flimkien.*
>
> *In kontro-eżami x-xhud spjega li l-*cable *kien inġibed mill-*manhole *li tidher fir-ritratt immarkat KG 14. Qal li d-*duct route *tkun tinsab madwar tliet piedi 'l isfel mil-livell tat-triq.*
>
> *Is-soċjetà konvenuta tikkontendi tramite d-direttur tagħha Edward Schembri illi l-marki ħodor li s-soċjetà attriċi kienet għamlet fit-triq fejn saru x-xogħlijiet kienu fuq in-naħa tax-xellug tat-triq filwaqt li x-xogħlijiet imwettqa mis-soċjetà konvenuta saru fuq in-naħa tal-lemin. Fir-rigward tal-marka li tidher fid-dokument immarkat KG 17 jgħid li din il-marka saret wara li x-xogħol ta' tqattigħ tat-trinka kien tlesta. Schembri jinsisti li meta saret it-trinka da parti tas-soċjetà konvenuta ma kien jidher l-ebda* cable *tas-soċjetà attriċi. Għar-rigward imbagħad tad-dokument immarkat KG 16 jgħid li ġeneralment meta* cable *jintlaqat b'gaffa, dan jinqasam u mhux issirlu girfa kif tidher f'dan ir-ritratt.*

*In kontro-eżami, Schembri jgħid li fiż-żmien tal-akkadut is-soċjetà konvenuta biss kienet qiegħda taħdem fuq il-post. Spjega li t-trinka li saret madwar tletin (30) ċentimetru 'l barra mil-linja medjana tat-triq u li din kienet wiesgħa madwar sittin (60) ċentimetru. Din it-trinka tkun saret sabiex minnha jgħaddi d-drenaġġ. L-*inspection chamber *ikollha qisien ta' żewġ piedi b'żewġ piedi. Fuq kull naħa tal-*inspection chamber *ikun hemm ħajt tad-disa' pulzieri.*

*Il-Qorti tibda billi tirrileva illi f'dan il-każ, biex is-soċjetà attriċi tottjeni dak li qiegħda titlob permezz ta' din il-proċedura u ċioe l-kundanna tas-soċjetà konvenuta għall-ħlas tad-danni, is-soċjetà attriċi kellha tipprova fl-ewwel lok illi hija effettivament sofriet dawn id-danni, u fit-tieni lok illi dawn id-danni ġew lilha kkaġunati mis-soċjetà konvenuta.*

*Fir-rigward tal-ewwel element, mill-provi prodotti, il-Qorti tinsab konvinta illi s-soċjetà attriċi sofriet id-danni minnha riklamati. Dan jirriżulta minn diversi provi fosthom mix-xhieda ta' Joseph Cilia li spjega kif minn indaġini li għamlu l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi rriżulta li l-ħsara kienet lokalizzata ġewwa r-*ring road *tal-Università. Dan ix-xhud qal li meta hu mar mal-ħaddiema tas-soċjetà attriċi u dawn ġibdu l-*cable *in kwistjoni rriżultalhom li dan il-*cable *kien ġie milqut. Dan il-fatt huwa kkonfermat kemm mir-ritratti esebiti minn dan ix-xhud, kif ukoll mid-direttur tas-soċjetà konvenuta li fix-xhieda tiegħu jgħid:* "Il-pipe tal-cable tal-Maltacom dana ġibduh kollu kemm hu 'l barra u kienet tidher dik id-daqqa żgħira murija fuq ir-ritratt KG 16 a fol. 93." *Fir-rigward tal-ammont pretiż, is-soċjetà attriċi esebiet* invoice *li tindika kif dan jinkludi kemm l-ispejjeż tal-materjal kif ukoll l-ispejjeż involuti bħala* labour.

*Is-soċjetà attriċi kellha imbagħad tipprova wkoll in-ness bejn l-imsemmija ħsarat u l-aġir tas-soċjetà konvenuta. Hu magħruf, illi biex ikun hemm lok għad-danni hu indispensabbli li jkun hemm ness ta' kawżalità, u ċioe li l-ħsara trid tkun ikkawżata mill-imġiba tal-parti mħarrka. Kien jinkombi fuq is-soċjetà attriċi li tipprova tali ness u dan sabiex il-miżien tal-probabbilità ixaqleb lejn l-allegazzjoni mressqa minnha u mhux lejn id-difiża mressqa mis-soċjetà konvenuta.*

*Fil-każ odjern, il-Qorti tosserva minn dak li xehdu Joseph Cilia f'isem is-soċjetà attriċi u dak li xehed Edward Schembri in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta jirriżultaw żewġ fatti li dwarhom jidher li hemm qbil bejn il-partijiet, u ċioe li dak iż-żmien tal-akkadut kienu qed isiru xogħlijiet fit-triq in kwistjoni da parti tas-soċjetà konvenuta,*

*u li meta l-*cable *tas-soċjetà attriċi ġie miġbud irriżulta li effettivament dan kien ġie milqut.*

*Il-kontestazzjoni tas-soċjetà konvenuta hija mibnija fuq żewġ binarji. Fl-ewwel lok Edward Schembri jsostni li meta* cable *jintlaqat b'gaffa dan jinqasam u mhux issirlu girfa. Fit-tieni lok huwa jgħid li x-xogħlijiet magħmula mis-soċjetà konvenuta kienu fuq in-naħa tal-lemin tat-triq mentri l-marki ħodor magħmula mis-soċjetà attriċi kien jinsab fuq in-naħa tax-xellug.*

*Fir-rigward tal-ewwel parti tal-kontestazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li huwa għal kollox irrilevanti l-argument illi meta* cable *jiġi milqut b'makkinarju dan jinqasam u mhux jingiref. Dan qiegħed jingħad għaliex f'każijiet bħal dawn fejn ikunu qegħdin isiru xogħlijiet ta' skavar, l-entità tal-ħsara fuq is-servizzi li jkunu għaddejjin minn taħt it-triq hija dipendenti fuq diversi fatturi fosthom il-mod kif il-*cable *jista' jiġi milqut u l-makkinarju użat minn min ikun qiegħed iwettaq ix-xogħlijiet. Fi kwalunkwe każ, dak li huwa rilevanti hu illi b'konsegwenza tal-ħsara kkaġunata dan il-*cable *kellu jiġi mibdul. Is-soċjetà konvenuta ma ġabet l-ebda prova kontra dan il-fatt.*

*Fir-rigward imbagħad tat-tieni parti tal-kontestazzjoni, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti ma huwiex verosimili dak li xehed Edward Schembri li x-xogħlijiet imwettqa mis-soċjetà konvenuta saru fuq in-naħa tal-lemin tat-triq. Irriżulta ampjament mill-provi li kienet is-soċjetà konvenuta waħedha illi kienet qiegħda twettaq xogħlijiet ta' skavar fit-triq* de quo *fiż-żmien in kwistjoni. In oltre, s-soċjetà konvenuta kienet marbuta b'numru ta' kundizzjonijiet imposti fuqha mis-soċjetà attriċi u mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, kif elenkati fil-permess maħruġ favur tagħha, fosthom illi tadotta diversi prekawzjonijiet sabiex tassigura illi ma jiġux imwettqa ħsarat fl-infrastruttura tas-soċjetà attriċi. Dawn il-prekawzjonijiet kienu jinkludu illi s-soċjetà konvenuta kellha tagħmel "*appropriate number of pilot holes to ascertain the whereabouts of the buried plant with the aim that no damage is caused. Furthermore, it is also being requested that the Contractor is to make use of the proper track location equipment to avoid damage to the infrastructure ... the Contractor has the full responsibility to use the appropriate excavating equipment, which does not cause any damage to this infrastructure. Hand tools are recommended for such work." *Mill-atti proċesswali ma jirriżultax illi s-soċjetà konvenuta adoperat tali prekawzjonijiet.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***GO p.l.c.*** **vs** ***Schembri Infrastructures Limited gia General Road Servicing Limited,*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 2009 ingħad illi:*

"Premess dan, jibda biex jiġi osservat in tema legali illi, apparti min-natura insita tagħha, l-attività de quo kondotta mis-soċjetà konvenuta appellata tassumi wkoll il-karatteristika tar-riskju u tal-perikolu minħabba kondotta imprudenti jew negliġenti minn min jeżerċitaha. Proprju, in-ness kawżali bejn din il-kondotta imprudenti u l-event tal-ħsara hu kwalifikat min-natura riskjuża innifisha tal-attività u ta' dawk il-mezzi utilizzati għall-eżerċizzju u l-eżekuzzjoni tagħha;

F'każijiet tax-xorta in eżami r-responsabbilità tal-kuntrattur tax-xogħlijiet tinżel mill-fatti dupliċi illi (i) ma jkunx għamel verifiki adegwati ex ante l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, u (ii) ma jkunx uża, ex-Artikolu 1032(1) Kodiċi Ċivili, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja fl-istess eżekuzzjoni tax-xogħlijiet."

*B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tqis illi s-soċjetà attriċi rnexxielha tipprova n-ness ta' kawżalità bejn l-aġir tas-soċjetà konvenuta u d-dannu minnha subit. Min-naħa l-oħra, is-soċjetà konvenuta ma rnexxilhiex tipprova illi hija użat il-prudenza mistennija minn missier tajjeb tal-familja. Lanqas ma rnexxielha tipprova li hi ottemperat ruħha mal-kundizzjonijiet imposti fuqha mis-soċjetà attriċi billi adottat il-miżuri prekawzjonali imposti fuqha bħal ma huma l-użu ta'* pilot holes, proper track location equipment *u makkinarju adattat għax-xogħol li kienet qiegħda twettaq.*

*Anke jekk wieħed kellu jaċċetta* a bocca baciata *dak li jgħid id-direttur tas-soċjetà konvenuta fix-xhieda tiegħu u ċioe illi huwa żamm id-distanza mill-marki magħmula mill-ħaddiema tas-soċjetà attriċi, dan il-fatt ma jistax jillibera lis-soċjetà konvenuta mir-responsabbilità tagħha fil-konfront tas-soċjetà attriċi. Kundizzjoni ġenerali oħra tal-permess tipprovdi illi sa fejn teknikament possibbli, is-soċjetà attriċi tagħmel dak kollu meħtieġ biex b'mod akkurat timmarka t-triq fejn tkun tinsab l-infrastruttura tagħha, b'dan illi skont din l-istess kundizzjoni, hi ma kinitx qiegħda tiggarantixxi "*that markings given by its representatives are exact." *Is-sentenza* ***Go p.l.c. vs Schembri Infrastructures Limited gia General Road Servicing Limited*** *fuq ċitata kienet tittratta każ prattikament identiku għal dak odjern bejn l-istess partijiet, fejn is-soċjetà konvenuta kellha imposti fuqha l-istess kundizzjonijiet. F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell osservat hekk fuq kundizzjoni identika dwar l-immarkar, "Fuq dan il-*

*punt din il-Qorti kif presjeduta kienet f'sentenza anterjuri tagħha rrilevat illi "l-immarkar ma huwiex xi esiġenza merament burokratika imma dak l-immarkar hu hekk impellenti biex jiġi individwat b'akkuratezza l-lok fejn tkun pożizzjonata l-infrastruttura, u b'hekk jiġi skonġurat skavar bl-addoċċ." (**Maltacom plc vs Anthony Vella et,** 15 ta' Novembru 2006)."*

*F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell kompliet tgħid hekk:*

"Dejjem fil-fehma tal-Qorti, is-soċjetà konvenuta ma tistax tappilja ruħha mal-iskużanti illi marki ma kienx hemm fil-parti tas-superfiċji tat-triq fejn sar l-iskavar minnha, għaliex kieku stess kien hekk, il-pilot holes u l-użu ta' "proper track location equipment" setgħu jindikawlha, li fil-fatt anke fejn sar l-iskavar, kienu għaddejjin il-cables ... huwa għal kollox immaterjali jekk kienx hemm immarkar preċiż jew le, għaliex il-ħtieġa ta' dawn il-pilot holes kienet fis-sustanza hekk eskoġitata mill-kundizzjonijiet tal-permess biex ikun aċċertat jekk f'dik il-parti tat-triq li kellha tiġi skavata, ukoll fl-assenza ta' immarkar preċiż, kien hemm l-infrastruttura. Jekk allura s-soċjetà appellata ħadet ir-riskju, għaddset rasha u tat bidu għax-xogħlijiet mingħajr ma għamlet indaġni sewwa u kif suppost permezz tal-pilot holes, hi ma tistax tippretendi li l-ħtija ma tiġix imputata lilha għaliex din kien tas-soċjetà appellanti li ma għamlitx marki preċiżi. Pretensjoni bħal din, fil-fehma tal-Qorti ma tistax isserviha bħala diskariku mir-responsabbilità meta hi, imprudentement, ma segwietx l-obbligu li kienu jiddettawlha l-kundizzjonijiet. Ukoll għar-rigward tal-użu ta' għodod u inġenji li kellha tuża. Pależament, imbagħad, jekk kif ukoll pretiż minnha, hi eżegwiet ix-xogħlijiet bil-prekawzjonijiet okkorrenti, l-istess ma rriżultawx li kienu hekk suffiċjenti għaliex id-dannu xorta waħda seħħ. Dannu dan li kien oġġettivament evitabbli kieku s-soċjetà appellata kkonformat ruħha pjenament mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja."

*Dan l-insenjament japplika b'mod ugwali fil-fattispeċi tal-każ odjern. Konsegwentement, il-Qorti tqis illi s-soċjetà attriċi ppruvat il-pretensjoni tagħha sal-grad rikjest mil-liġi u ser tgħaddi biex tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi fl-intier tagħha, għar-rigward id-danni konnessi mal-ħsarat ikkaġunati lill-proprjetà tas-soċjetà attriċi.*

*Però rigward li is-soċjetà attriċi ma pproduċietx l-ebda taxxa tal-ispejjeż u drittijiet maħruġa mir-Reġistru ta' din il-Qorti biex tissostanzja t-talba tagħha għar-rifużjoni ta' LM8 in konnessjoni mal-ittra uffiċjali minnha mibgħuta lis-soċjetà konvenuta bir-*

*riferenza 10352/05. Madanakollu l-ispejjeż ta' din l-ittra uffiċjali għandhom jiġu subiti mis-soċjetà konvenuta flimkien mal-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri."*

## L-Appell

5. Is-soċjetà intimata ppreżentat l-appell tagħha fid-19 ta' Novembru, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... takkolji dan l-appell u tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata t-30 ta' Ottubru, 2019 fl-ismijiet **Go plc vs Schembri Infrastructures Limited gia General Road Servicing Limited** u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-aggravji hawn fuq esposti u tiċħad it-talbiet attriċi hekk kif dedotti fl-att promutur, bl-ispejjeż, kemm dawk ta' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu tal-istess attriċi, issa appellata."*

6. Is-soċjetà appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex: (i) l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment u abbażi tal-provi prodotti, tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha jiġifieri li s-soċjetà intimata, appellanta f'din l-istanza, hija responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti, stante li r-rikorrenti naqset milli tipprova t-talbiet tagħha; (ii) fl-eventwalità li l-Ewwel Qorti tiċħad l-ewwel aggravju, is-soċjetà appellanta ma kellha qatt tkun responsabbli għall-ħlas tal-imgħaxijiet ta' aktar minn għaxar snin, stante li din il-kawża ilha differita għas-sentenza mid-19 ta' Jannar, 2009, liema sentenza eventwalment ingħatat fit-30 ta' Ottubru 2019, aktar minn għaxar snin wara.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

7. Fir-risposta tal-appell tagħha s-soċjetà appellata qalet li s-sentenza appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma, filwaqt li ċċitat ġurisprudenza li tgħid li Qorti f'dan il-grad m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni użata mill-Ewwel Qorti. Is-soċjetà appellata qalet li s-soċjetà appellanta qiegħda tikkontradixxi lilha nnifisha meta tiċċita d-deċiżjoni fl-ismijiet **GO p.l.c. *vs.* Alfred Schembri & Sons Limited**, fejn il-Qorti qalet illi fejn ikun hemm il-*markings* fit-triq li jindikaw li hemm tagħmir infrastrutturali għaddej minn taħt il-wiċċ tat-triq, ikun jagħmel sens li kuntrattur kull tant distanza jagħmel *pilot holes* u juża *track location equipment,* għaliex il-*cables* mhux dejjem ikunu sitwati preċiż fejn ikun hemm indikat bil-*markings.* L-appellata qalet li f'dan il-każ, minkejja li hija infurmat lill-appellanta bil-preżenza tal-infrastruttura tagħha fis-sit fejn kellhom isiru x-xogħlijiet, is-soċjetà appellanta ma ħaditx miżuri prekawzjonali sabiex tidentifika bi preċiżjoni l-pożizzjoni tal-infrastruttura tal-appellata, u b'hekk ma ssirx ħsara. L-appellata għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jgħidu li meta kuntrattur ikun mitlub jagħmel xogħol ta' skavar fuq sit, ikun qiegħed jintalab jagħmel xogħol ta' riskju u għalhekk il-kuntrattur għandu l-obbligu li jeżerċita attenzjoni fi grad għoli ferm sabiex jassigura li dawn id-danni ma jimmaterjalizzawx.

B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellata wieġbet li l-kwistjoni tal-imgħaxijiet hija regolata bl-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 u bl-artikolu 890 tal-Kapitolu 12. L-appellata żiedet tgħid li l-pretensjonijiet tagħha kienu

jirriżultaw ċari mill-ittra uffiċjali mibgħuta minnha, u għalhekk l-appellanta ma kellhiex għalfejn tistenna l-eżitu tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, f'każ li riedet timminimizza d-danni. L-appellata żiedet tgħid ukoll li kienet is-soċjetà appellanta li ma ħaditx l-opportunitajiet lilha mogħtija, u dan wara li kif jirriżulta mill-verbali tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, fis-7 t'April 2014 l-appellanta stess kienet talbet għal differiment sabiex tiġi esplorata l-possibilità ta' tranżazzjoni u din it-talba tagħha ġiet milqugħa mill-Ewwel Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fil-kuntest tad-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti.

*L-ewwel aggravju:* *L-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment, u abbażi tal-provi prodotti, tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, stante li r-rikorrenti naqset milli tipprova t-talbiet tagħha*

L-appellanta spjegat li l-qofol ta' din l-azzjoni huwa jekk hija għandhiex responsabbilità x'iġġorr għad-danni sofferti mis-soċjetà appellata, u dan wara li hija ċaħdet kategorikament li għandha xi responsabbilità x'iġġorr f'dan ir-rigward. L-appellanta għamlet riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li kull wieħed għandu jwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, u li biex jinstab element ta' 'ħtija' f'persuna, irid jiġi ppruvat li din

imxiet b'nuqqas ta' diliġenza, b'imprudenza u b'nuqqas ta' ħsieb ta' *bonus paterfamilias.* L-appellanta sostniet li biex ikun hemm kundanna għad-danni, irid jiġi ppruvat li kien hemm att jew addirittura ommissjoni kolpuża u li kien hemm ness ta' kawżalità bejn dan l-att jew ommissjoni u l-akkadut. L-appellanta qalet li l-appellata, filwaqt li indikat li kienu saru marki fit-triq li juru fejn jinsabu s-sistemi infrastrutturali tagħha, tonqos milli tispjega kif il-*cables* tagħha ntlaqtu meta x-xogħol kien qed isir aktar minn tletin ċentimetru 'l barra mil-linja medjana tat-triq sabiex titħaffer trinka b'wisgħa ta' sittin ċentimetru sabiex jgħaddu l-pajpijiet tad-drenaġġ. L-appellanta sostniet li l-Ewwel Qorti injorat għalkollox il-fatt li x-xogħol ta' tħaffir minnha kien qiegħed isir fuq in-naħa l-oħra tat-triq. L-appellanta saħqet li s-soċjetà appellata kellha obbligu li tindika bi preċiżjoni l-pożizzjoni tas-sistema tal-infrastruttura tagħha taħt il-wiċċ tat-triq qabel inbdew ix-xogħlijiet, obbligu dan li l-appellata ħadet b'ċerta leġġerezza. L-appellanta qalet li f'dan il-każ, il-marki kienu fuq in-naħa l-oħra tat-triq u mhux fejn kien qiegħed isir ix-xogħol ta' skavar, u għalhekk ma kienx hemm daqstant utilità għall-*pilot holes* u għat-*track location equipment.* L-appellanta ssostni ukoll li ma ġiex ippruvat li hija kienet responsabbli għall-akkadut.

Mill-provi jirriżulta li s-soċjetà appellata sofriet ħsara fl-infrastruttura tagħha fejn ir-*ring road* tal-Università, u konsegwenza ta' dan kien hemm il-ħtieġa li għadd ta' *cables* li kienu għaddejjin minn taħt il-wiċċ tat-triq jiġu mibdula bi spejjeż tas-soċjetà appellata. L-appellanta qiegħda ssejjes l-ewwel aggravju

tagħha għax skont hi l-appellata naqset milli tipprova li hemm ness ta' kawżalità bejn id-danni sofferti mill-appellata u xi nuqqasijiet da parti tal-appellanta, li saħansitra tgħid li kienet qiegħda tagħmel xogħol ta' skavar fuq in-naħa l-oħra tat-triq u mhux fil-parti li minnha kienu għaddejjin il-*cables* tal-appellata. Is-soċjetà appellanta tipprova teħles mir-responsabbilità għall-akkadut, billi tgħid li kienet is-soċjetà appellata li naqset milli timmarka bl-aktar mod preċiż minfejn kienu għaddejjin il-*cables* tagħha. Din il-Qorti, filwaqt li tisħaq li kull waħda mill-partijiet f'kawża ta' din ix-xorta, għandha r-responsabbilità tagħha x'iġġorr, tqis li mill-provi jirriżulta li s-soċjetà appellanta kienet marbuta b'għadd ta' kundizzjonijiet imposti fuqha mis-soċjetà appellata u mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, kif elenkati fil-permess maħruġ favur tagħha, fosthom li l-kuntrattur kellu jagħmel għadd ta' *pilot holes* u jaħdem b'għodda tal-idejn u mhux b'gafef jew *trenchers,* liema kundizzjonijiet ma jirriżultax li ġew osservati mis-soċjetà appellanta. Barra minn hekk jirriżulta wkoll li ma kien hemm l-ebda kuntrattur ieħor li kien qed jagħmel xi xogħlijiet fl-istess inħawi, fl-istess żmien. Irid jintqal ukoll li anki jekk il-*cable* inkwistjoni ma nqasamx iżda kien biss migruf, il-fatt li dan safa danneġġat b'dan il-mod, fisser li dan kellu jinbidel bi spejjeż konsiderevoli għas-soċjetà appellata. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, tqis ukoll li dak li sostniet is-soċjetà appellanta li x-xogħol li kien qiegħed isir minnha kien qed isir fuq in-naħa l-oħra tat-triq, u għalhekk il-ħsara fil-*cable* inkwistjoni ma setgħetx saret kawża tax-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru minnha, huwa inverosimili u m'għandux mis-sewwa. Pjuttost il-fatt li x-xogħol ta' skavar inkwistjoni kien qiegħed isir f'ċerta

distanza bogħod minn fejn kienu jinsabu l-*cables* inkwistjoni, jispjega għalfejn il-ħsara sostnuta mill-*cables* kienet waħda ta' merament 'grif' u mhux ħsara aktar sostanzjali minn hekk. Minkejja dan iżda, is-soċjetà appellata xorta waħda kellha rapporti mill-utenti tas-servizz tagħha li dawn kellhom interruzzjoni fis-servizz, u l-uniku mod kif dik il-ħsara setgħet tiġi indirizzata kien bit-tibdil tal-*cable.* In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-ewwel aggravju mhux mistħoqq u qiegħda tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *fl-eventwalità li l-ewwel aggravju jiġi miċħud, l-appellanta m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-ħlas tal-imgħaxijiet ta' aktar minn għaxar snin, u dan minħabba li l-kawża inkwistjoni baqgħet tiġi differita għas-sentenza għal aktar minn għaxar snin*

Is-soċjetà appellanta saħqet li hija m'għandhiex tinżamm responsabbli għad-dewmien esaġerat li kien hemm fl-għoti tas-sentenza, għaliex hija kienet ilha li għalqet il-provi tagħha mis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2008, u l-kawża ġiet differita għas-sentenza fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2009. Is-soċjetà appellanta, filwaqt li rrikonoxxiet li jistgħu jinqalgħu imprevisti li minħabba fihom sentenza ma tkunx tista' tingħata f'qasir żmien, madanakollu f'dan il-każ ma jistax jingħad li hija għandha tinżamm b'xi mod responsabbli għad-dewmien ta' għaxar snin biex ingħatat is-sentenza, u għalhekk ma jkunx ġust u ekwu li hija tintalab tħallas l-imgħaxijiet kollha dovuti b'effett mill-25 ta' Novembru, 2005 sal-lum, u sostniet li hija l-amministrazzjoni tal-Qorti li

għandha tintalab tagħmel tajjeb għall-imgħax li akkumula fil-perijodu bejn meta l-kawża marret għas-sentenza u l-ġurnata meta ngħatat id-deċiżjoni finali. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għall-artikolu 890 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid li l-protest jew l-ittra uffiċjali jibdew iseħħu minn dakinhar tan-notifika. Għamlet riferiment ukoll għall-artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili li jistabbilixxi li l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru minn dakinhar li ssir sejħa għall-ħlas permezz ta' ittra uffiċjali. Mill-verbali tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, jirriżulta li fl-udjenza tas-7 ta' April, 2014 intalab differiment bil-ħsieb li l-partijiet jittranżiġu l-pendenza ta' bejniethom, u dan meta l-kawża kienet diġà ilha differita erba' snin għas-sentenza. Minkejja dan, il-partijiet ma waslux għal ftehim barra l-Qorti u minflok stennew l-eżitu ta' sentenza li għal raġunijiet varji, mhux l-inqas bidla fil-ġudikant li kien qiegħed jisma' l-proċeduri fl-ewwel istanza, ħadet iż-żmien li ħadet biex inqatgħet. Il-liġi f'dan ir-rigward hija ċara, bl-artikolu 1047 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi l-ħsara li tikkonsisti fit-telf tal-użu tal-flus ta' persuna, għandha tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jitqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena. F'dan il-każ jirriżulta li s-soċjetà appellata kellha tħallas tal-ħsara sofferta minnha billi ħarġet l-ispejjeż relattivi għat-tiswija tal-*cable.* In vista tal-fatt li diġà ġiet stabbilita r-responsabbilità tas-soċjetà appellanta għal din il-ħsara, suppost li għandu jsegwi li l-appellanta għandha tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-imgħaxijiet kif stabbilit. Madanakollu ċertament li mhuwiex ġust li s-soċjetà appellanta tiġi ordnata tħallas l-imgħaxijiet ta' aktar minn għaxar snin, liema dewmien esaġerat ma ġiex ikkawżat minħabba xi nuqqasijiet attribwibbli lilha, imma

għaliex il-kawża kienet ilha li tħalliet għas-sentenza mid-19 ta' Jannar, 2009, u s-sentenza fil-fatt ingħatat aktar minn għaxar snin wara, fit-30 ta' Ottubru, 2019. Din il-Qorti tqis li l-imgħaxijiet li laħqu ddekorrew bejn id-data meta l-kawża tħalliet għas-sentenza, sad-data meta ġiet mogħtija s-sentenza, ċertament li m'għandhomx jitħallsu mis-soċjetà appellanta. Madanakollu din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li f'dan l-istadju tal-proċeduri ssejjaħ lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jew lill-Avukat tal-Istat, biex jirrispondu dwar t-tieni aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, 'il għaliex l-artikolu 961 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li s-sejħa fil-kawża tista' ssir biss "f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-qorti tal-ewwel grad". Huwa veru li s-soċjetà appellanta setgħet talbet li tingħata bħala rimedju għad-dewmien dak li jipprovdi għalih l-artikolu 195(5) tal-Kap. 12. Imma l-fatt li s-soċjetà appellanta m'għamlitx dan, ma jnaqqasx xejn mill-iskumdità ta' din il-Qorti li tinsab f'sitwazzjoni li ma tistax tevita fiċ-ċirkostanzi li l-appellant ma jiġix imġiegħel iħallas l-imgħaxijiet għall-perijodu ta' dewmien esaġerat, li bl-ebda mod mhuwa attribwibbli għal xi nuqqas tiegħu. F'ġurisdizzjonijiet oħrajn ġew ippromulgati liġijiet *ad hoc*, bħal-Legge Pinto fl-Italja[1], li introduċiet fl-ordinament ġuridiku Taljan proċediment għar-riżarċiment tad-danni patrimonjali u non-partrimonjali, ikkawżati minn dewmien mhux raġonevoli fil-proċess ġudizzjarju ċivili.

[1] Legge 24 marzo, 2001, n. 89.

In vista tal-materja ttrattata f'din id-deċiżjoni, il-Qorti qed tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi. Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**